MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 26a

25 ta' Ġunju 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 26 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2026 fil-5.30pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li talab li jiġi skużat.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Kondoljanzi

Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-mewt ta' PC 703 Rico Aquilina li ġrat fl-24 ta' Ġunju 2026 u qal li l-Mellieħa tilfet wieħed minn uliedha. Is-Sindku qal li Rico kien membru tal-Mellieħa Scout Group u tas-Società Filarmonica La Vittoria. Permezz tal-involviment tiegħu, huwa ta kontribut siewi lill-komunità u kien parti minn diversi inizjattivi u attivitajiet li jsaħħu l-identità u l-għaqda fil-lokalità. Matul is-snin, Rico kien ukoll preżenti u ta sehmu f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, fejn il-kontribut volontarju u l-impenn tiegħu kienu dejjem apprezzati. Nies bħal Rico huma xhieda ta' kemm il-ħidma volonarja u l-imħabba lejn il-komunità, jagħmlu differenza fil-ħajja tal-lokalità tagħna. Huwa ppropona minuta silenzju.

Is-Sindku f'isem il-membri u l-istaff tal-Kunsill wassal il-kondoljanzi tiegħu lill-familja kollha, lill-qraba u lil dawk kollha li kienu jafuh u ħadmu miegħu matul is-snin.

Il-membri kollha tal-Kunsill ingħaqdu mas-sentimenti espressi mis-Sindku.

## Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru. 25 li saret fid-19 ta' Mejju 2026, ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li nhar il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2026 saret il-ħarġa kulturali tax-xahar ta' Mejju. Din il-ħarġa kienet tikkonsisti fi żjara fil-Gżejjer ta' San Pawl u ntlaqgħet tajjeb ħafna minn dawk li attendew. Is-Sur Dominic Frendo kien il-gwida li akkumpanja l-grupp.

2.1.3. Hija qalet ukoll li l-ħarġa kulturali tax-xahar ta' Ġunju għall-gżira Għawdxija ma saritx qabel peress li kien hemm attivitajiet u inizjattivi oħra għaddejjin u possibilment issir il-ġimgħa d-dieħla.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali tat-Tfal qabel il-waqfa tas-sajf, saret fit-23 ta' Ġunju 2026. F'din il-laqgħa kienu mistiedna jipparteċipaw ukoll il-membri tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa attendiet flimkien magħha l-Kunsilliera C. Castillo.

2.2.3. Hija għarrfet ukoll li Ms Laura Marie Mercieca mhux ser tibqa' responsabbli mill-Kunsilli Lokali tat-Tfal, peress li ser tibda taħdem maż-żgħażagħ. Hija ħadet din l-opportunità biex tirringrazzjaha tax-xogħol siewi li hija għamlet mat-tfal sa mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali tat-Tfal tal-Mellieħa.

2.2.4. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li l-Kunsill Lokali tat-Tfal jixtiequ jorganizzaw 'Pot Luck' u saħansitra ppreparaw flyer li tqassam lill-membri tal-Kunsill. Permezz ta' din l-inizjattiva, il-membri tal-Kunsill Lokali tat-Tfal jixtiequ li jlaqqgħu flimkien familji li joqogħdu l-Mellieħa u l-Manikata u kull familja iġġib oġġett wieħed tal-ikel. Din l-attività ssir f'Misraħ il-Parroċċa li tkun armata b'imwejjed u siġġijiet u l-familji li jipparteċipaw wara li jkunu rreġistraw, ipoġġu mal-imwejjed u jaqsmu ma' xulxin l-ikel li jkunu ġabu . Apparti l-ikel, l-għan ta' din l-inizjattiva hu li l-parteċipanti jkunu jistgħu jaqsmu ma' xulxin il-kulturi u l-ideat differenti tagħhom u finalment jinġabru bħala komunità waħda. L-inizjattiva tirrikjedi li matul l-attività ħadd ma jista' jpejjep u ħadd ma jista' juża l-mobile phones.

2.2..5. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti u kien hemm qbil li possibbilment issir parti mill-attivitajiet ta'ġ Milied Mellieħi 2026.

### 2.3.1. Attività fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Imnarja (A/1/2/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fil-21 ta' Ġunju 2026, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Imnarja, fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa saret attività għall-anzjani residenti. Hija qalet li l-Kunsill ipprovda numru ta' mwejjed, is-Società Filarmonica La Vittoria ipprovdew il-bandalori u Artemocion Dance Studio tellgħu żifna.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4) (V/1 Vol II)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fl-4 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand is-Surġent Ivan Mifsud li għarraf lill-Kunsill li mit-Tnejn, 8 ta' Ġunju 2026 huwa mhux ser jibqa' jagħmel parti mit-tim tal-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa. Fl-istess imejl, is-Surġent għarraf li l-Ispettur Gabria Gatt ser tkun responsabbli mit-tim minfloku.

2.4.3. Il-Kunsill ħa din l-okkażjoni sabiex jirringrazzja lis-Surġent I. Mifsud tas-servizz u tal-kontribut tiegħu fil-lokalità tal-Mellieħa u awguralu kull suċċess fil-kariga 'l ġdida tiegħu.

2.4.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin ħadet din l-okkażjoni sabiex irrapurtat li fi Triq Salvu Camilleri hemm vettura li ilha abbandunata pero' jidher li qegħda fi proprjetà privata. Hija talbet lill-Kunsill biex possibbilment jikkonferma li s-sit fejn qegħda din il-vettura huwa privat.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1 Inizjattiva 'Libreriji fl-Apert' (L/4 Vol IV)

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li permezz tal-iffirmar ta' ftehim bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u l-Kunsill, ġiet varata l-inizjattiva 'Libreriji fl-Apert' fil-Mellieħa.

2.5.3. Hija qalet li fil-fatt, din il-ġimgħa tpoġġiet l-ewwel librerija fil-playing field ta' Triq l-Erwieħ għall-benefiċċju tal-pubbliku. Hija ssuġġerit li l-Kunsill jissuġġerixxi li ssir librerija fl-apert fil-Manikata wkoll.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjoni li jmiss ta' 'Seħer l-Istejjer' f'Selmun ser issir nhar is-Sibt 18 ta' Lulju 2026 bejn id-9.00am u l-10.00am.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Tnedija tal-Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)

2.7.2. Is-Sindku għarraf li t-tnedija tal-pubblikazzjoni 'Snajjin' saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2026 fis-7.00 ta' filgħaxija fi Ġnien l-Għoljiet. Huwa xtaq jirringrazzja lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għall-għajnuna tagħhom sabiex din l-attività setgħet issir u tkun suċċess.

2.7.3. Huwa qal li din l-attività tat ġieħ lill-kitbiet li ħalla l-mibki s-Sur Joseph F. Cachia.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.8.1. Żjara minn Delegazzjoni u Grupp ta' Studenti minn Comune di Cavriglia (K/1/5/4 Vol IV)

2.8.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li delegazzjoni komposta minn erba' persuni minn Comune di Cavriglia flimkien ma' grupp ta' studenti, ser iżuru l-Mellieħa bejn is-17 u t-22 ta' Lulju 2026. Id-delegazzjoni uffiċjali ser idumu Malta ġurnata u nofs biss.

2.8.3. Is-Sur E. Bartolo qal li huwa pprepara programm t'attivitajiet ġurnata b'ġurnata, liema programm ġie ppreżentat u spjegat lill-membri preżenti. Huwa qal li d-delegazzjoni uffiċjali ser ikunu ġentilment ospitati fil-lukanda Maritim Antonine Hotel & Spa filwaqt li l-istudenti ser ikunu ospitati fil-kumpless tal-Mellieħa Sports Club. Mal-wasla tagħhom f'Malta fis-17 ta' Lulju 2026 għall-ħabta tal-11.30am, id-delegazzjoni uffiċjali hemm il-possibbiltà li tittieħed il-Belt Valletta u jkollha żjara ta' kortesija fl-uffiċċju tal-Ministru għall-Gvern Lokali u l-Indafa Pubblika. Filgħaxija id-delegazzjoni uffiċjali ser tipparteċipa fil-laqgħa annwali tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana.

2.8.4. Sabiex il-Kunsill jimxi mal-budget allokat, il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill ipprova jnaqqas l-ispejjeż partikularment marbuta mal-kollazjon u mat-trasport. Hawnhekk huwa ta spjega dettaljata u ppreżenta rendikont tal-ispejjeż involuti.

2.8.5. Dwar iż-żjara li delegazzjoni tal-Kunsill ser tagħmel flimkien mal-kor tal-Għaqda Mużikali Imperial f'Cavriglia bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2026, kien hemm qbil li d-delegazzjoni uffiċjali tkun komposta mill-Kunsilliera J. Buttigieg, K. Buttigieg u L. Darmanin.

2.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)

3.1.2. Dwar il-proġett imsemmi, is-Sindku G. Micallef qal li kif ġew mgħarrfa l-membri tal-Kunsill, il-Kunsill irċieva talba minn Project Green f'isem il-kuntrattur Derek Garden Centre, li talab li jiġi estiż il-perjodu li fih iridu jitlestew ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett.

3.1.3. Fil-fatt, is-Sindku qal li l-kuntrattur ta spjega għaliex qed issir it-talba u fost ir-raġunijiet kien hemm: il-kundizzjoni kif instab is-sit oriġinarjament; id-diskrepanza fil-building alignment u l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp li ma ppermettewx li jsir ix-xogħol.

3.1.4. Wara li ttieħdu in kunsiderazzjoni dawn ir-raġunijiet, Project Green ipproponiet li l-perjodu minn disgħa u tletin ġimgħa jiżdied b'dsatax-il ġimgħa b'total ta' tmienja u ħamsin ġimgħa. Sussegwentament, ġie ffirmat Addendum peress li l-partijiet kollha qablu ma' din l-estensjoni.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà (C/9)

3.2.2. Dwar iż-żewġ cctv cameras li ser jitwaħħlu f'Santa Maria Estate, is-Sindku għarraf li:

(i) Is-cctv camera fejn De La Salle Retreat Centre ser titwaħħal fuq arblu eżistenti; filwaqt li
(ii) Għas-cctv camera fil-bidu ta' Triq Għajn Żejtuna, irid jitwaħħal arblu apposta.

3.2.3. Dwar is-CV Cameras fil-Manikata, is-Sindku qal li s'issa twaħħlu s-cctv cameras fi Triq il-Biedja kantuniera ma' Triq ir-Raħħala u Triq il-Manikata kantuniera ma' Triq il-Biedja, dawn għadhom mhux jiffunzjonaw. Huwa għarraf ukoll li dwar iż-żewġ cctv cameras l-oħra għad irid jiġi deċiż jekk dawn jitwaħħlux fuq arbli eżistenti tal-Korporazzjoni Enemalta wara li jinkisbu l-permessi meħtieġa mingħandhom jew jitwaħħlu arbli oħrajn. Fuq dawn l-erba' cameras, is-Sindku qal li flimkien mal-LESA u Transport Malta għad irid jiġi stabbilit it-tunnellaġġ tat-trakkijiet li ma jistgħux jgħaddu minn ġol-Manikata jekk mhux biex jagħtu servizz. Huwa żied jgħid li l-ħin biss ser ikun jista' jiddetemina jekk it-trakk/trakkijiet għaddew minn ġol-Manikata biex jagħtu servizz jew mod ieħor.

3.2.4. Dwar is-cctv cameras fl-entraturi tal-Mellieħa, is-Sindku għarraf li l-kuntrattur Alberta Fire & Security Equipment Ltd għamel il-bases ta' kull cctv camera u dawn dalwaqt ser jibdew jiffunzjonaw.

3.2.5. Is-Sindku għamel referenza wkoll għal talba li saret lill-Kunsill biex isiru skyline cameras f'żoni differenti fil-Mellieħa. Huwa qal li għamel kuntatt mal-kumpanija li tissupplixxi dawn it-tip ta' cameras u talab għall-ispejjeż li jista' jkun hemm involuti. Huwa tenna li din tista' tkun inizjattiva tajba partikularment jekk titwaħħal waħda f'Misraħ il-Parroċċa għall-benefiċċju tal-emigranti biex isegwu x'ikun għaddej fil-pjazza ewlenija tal-Mellieħa.

3.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2026 il-librar is-Sur Jeffrey Sammut informa lill-Kunsill dwar l-inċident li kien seħħ fil-librerija pubblika. Jidher li

persuni allegatament kienu daħlu minn kamra minn fuq il-bejt tal-iskola, sgassaw il-bieb tal-librerija tal-iskola u użaw dry powder fire extinguisher biex għamlu att ta' vandaliżmu fil-librerija.

3.3.3. Is-Sindku qal li kull nhar t'Erbgħa, is-Sur J. Sammut kien imur il-librerija biex ipoġġi r-returns u dakinhar skopra x'kien ġara fil-librerija. Dakinhar stess filgħaxija, huwa flimkien mal-Kunsilliera L. Darmanin marru l-librerija biex għenu lis-Sur J. Sammut ibattal il-librerija mill-kotba. Fil-fatt, ittieħdet deċiżjoni li l-kotba kollha jinġiebu fl-uffiċċju tal-Kunsill sakemm jinstab post alternattiv għal-librerija. Is-Sindku qal li ttieħdet deċiżjoni wkoll li jsir rapport lill-pulizija u fil-fatt fuq il-post dakinhar stess ġew il-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa, il-Pulizija mill-Għassa tal-Qawra u anke Pulizija tal-Forensika. Is-Sindku xtaq jieħu din l-opportunità biex jirringrazzja l-ewwelnett lis-Sur J. Sammut, lill-Kunsilliera L. Darmanin, lill-istaff tal-Kunsill u l-membri tad-Dipartiment tal-Pulizija.

3.3.3. Nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2026 is-Sindku għarraf li sar online meeting mas-Sur Emil Vassallo dwar din il-materja. Huwa qal li wara skambju ta' emails, is-Sur E. Vassallo talab li jsir online meeting li għalih attendew flimkien miegħu l-Kunsilliera L. Darmanin, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin filwaqt li l-Kunsillier J. Buttigieg talab li jkun skużat. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa, il-Kunsill talab li jingħata lilu dak li kien ġie mwiegħed jiġifieri pre-fabricated classroom li tkun tista' tintuża bħala librerija pubblika sakemm tinbena l-iskola l-ġdida. Is-Sur E. Vassallo, min-naħa tiegħu wiegħed li ser ikun qed jaħdem biex dan iseħħ anke għall-fatt li ma nstabx post alternattiv adattat. Is-Sindku qal li s'issa għadu ma rċieva l-ebda feedback pero' min-naħa tiegħu reġa' bagħat tfakkira wkoll lis-Sur Jonathan Mallia.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Abbozz tal-Management Agreement tat-Torri l-Abjad kif rivedut;
- Abbozz tal-Management Agreement tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija kif rivedut;
- Ittra mibgħuta mill-Ombudsman dwar Case No. CEP-26-7618;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 20/06/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/05/2026 – 20/06/2026;
- Skeda ta' Petty Cash – 15/04/2026 – 25/05/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Attività Sportiva bil-kollaborazzjoni tal-Malta Football Association (S/4/2 Vol V)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef qal li kif issuġġerixxa fis-seduta preċedenti, din l-attività tista' tkun parti mill-Iljieli Melleħin 2026 u possibbilment issir il-Ħadd, 26 ta' Lulju 2026 filgħodu.

5.1.3. Huwa ssuġġerixxa wkoll li t-tieni attività tal-proġett 'Different Stories – One Community' peress li l-ħsieb hu li tkun attività sportiva, għandha tkun parti mill-attività li ser issir bil-kollaborazzjoni tal-MFA.

5.1.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li anke five-a-side tournament bejn iż-żgħażagħ barranin u dawk Melleħin fil-pjazza tal-Mellieħa tkun inizjattiva tajba.

5.1.5. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li huwa għamel kuntatt mal-kumitat tal-Mellieħa Sports Club li aċċettaw li jikkollaboraw f'din it-tieni attività, iżda talbu li jkunu nfurmat x'ser ikun l-involviment tagħhom.

5.1.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li l-Mellieħa Sports Club ikunu parti wkoll fl-attività mal-MFA flimkien ma' għaqdiet oħra sportivi.

5.1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif u qabel li ssir aktar diskussjoni fuq din il-materja fis-seduta li jmiss.

## 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Dwar il-proġett ta' lampi ġodda u x-xogħol li finalment beda fi Triq Edward Camilleri, is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill kien ilu sena u nofs jaħdem fuq dan il-proġett mal-Perit u l-Inġinier inkarigat. Huwa qal li meta l-kuntrattur oriġinarjament applika ma' Transport Malta biex ikun jista' jagħmel xogħol fil-bankini, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-bankini jridu jinqalgħu u jinbidlu kollha u għaldaqstant kellhom jiġu riveduti u approvati l-istimi l-ġodda. Kellhom isiru wkoll block plans dettaljati għal kull triq u għaldaqstant sar on-site meeting ieħor biex il-Perit seta' jissottomettihom. Sadanittant, il-kuntrattur laħaq ġab l-arbli neċessarji li ma setgħux jitwaħħlu qabel mal-Kunsill ikollu l-permessi kollha meħtieġa f'idejh. Dan kollu tefa' x-xogħlijiet lura sakemm fil-11 ta' Ġunju 2026, Transport Malta ħarġet il-permess meħtieġ li kellu validità sad-29 ta' Ġunju 2026.

5.2.3. Għal dan il-għan, ix-xogħlijiet kellhom jibdew minnufih minkejja li x-xogħlijiet fi Triq il-Marfa li oriġinarjament kellhom ikunu lesti sa dan iż-żmien, kien għadhom għaddejjin. Madanakollu, biex ikun hemm l-anqas inkonvenjenza għar-residenti u l-pubbliku in ġenerali, il-Kunsill ħa ħsieb li jagħmel shifting tat-temporary bus stop fi Triq Edward Camilleri fejn kien ser jibda x-xogħol fuq il-bankina għan-naħa l-oħra tat-triq fejn ma kienu qed isiru l-ebda xogħlijiet. Il-bqija ma nbiddel l-ebda traffic management ieħor u kollox baqa' għaddej normali. Ix-xogħol fuq din il-bankina għandu jkun lest s'għada l-Ġimgħa u x-xogħlijiet qed isiru mill-kuntrattur North 2 South Ltd.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.3.1. Mental Health Area fil-Bajja tal-Għadira (F/1/2/Vol XI)

5.3.2. Dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex fil-Bajja tal-Għadira jkun hemm Mental Health Area, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Bord tal-Diretturi tal-Mellieħa Holiday Centre ser ikun qed jiltaqa' f'Ottubru 2026 u hemm possibiltà li din il-proposta tiddaħħal fil-budget tal-kumpanija għas-sena 2027.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.4.1 Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju 2026, fl-uffiċċju tal-Kunsill saret laqgħa bejn il-Kunsill Reġjonali Tramuntana li kien irrappreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Bjorn Bonello, il-Kunsill irrappreżentat minnu, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, il-Kunsillier E. Bartoli u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin u membri tal-kumitati mill-Għadira Caravan Site Association, l-Assoċjazzjoni tas-Sidien ta' Boathouse f'Ramlet il-Qortin, Little Armier u t-Torri l-Abjad u Noah's Ark Animal Sanctuary. L-għan ta' din il-laqgħa kien sabiex possibbilment jitjieb is-servizz tal-ġbir tal-iskart f'dawn l-inħawi, peress li dan l-aħħar ma kienx sodisfaċenti.

5.4.3. Is-Sindku qal li s-Sur B. Bonello għamel preżentazzjoni fejn elenka l-problemi u l-isfidi ewlenin marbuta mas-servizz tal-ġbir tal-iskart b'mod ġenerali iżda partikularment f'żoni remoti bħalma huma dawk imsemmija. Kopja ta' din il-preżentazzjoni ntbgħatet lill-Ministru l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Elenka wkoll il-problemi li l-Kunsill Reġjonali qed ikollu mal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni u minħabba li kriterji stabbiliti fil-kuntratt mhumiex qed jiġu onorati. Fil-fatt, il-Kunsill Reġjonali Tramuntana għadu ma ġiex ikkomunikat lilu li l-sub contractor is-Sur Antoine Fenech m'għadux jaħdem mal-kuntrattur, u minfloku daħlu żewġ sub-conractors ġodda.

5.4.4. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa, il-kumitati kollha minbarra l-kumitat tal-Għadira Caravan Site qalu li jippreferu li l-ġbir tal-iskart jibqa' jsir bieb bieb. Fil-każ tal-Għadira Caravan Site, minħabba l-fatt li l-iscammel ma jgħaddiex mit-toroq peress li huma dojoq, jippreferu li jibqgħu jiddisponu mill-iskart tagħhom fl-iskips. Madanakollu, peress li sit partikolari fejn hemm skip waħda qed jiġi abbużat u qed jintrema' ħafna skart anke skart goff, huma qablu li din l-iskip għandha titneħħa u jużaw biss is-sit fejn

hemm it-tliet skips. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-kuntrattur ċertament ma jistax jibqa' jmur ibattal dawn l-iskips b'vann flatback kif qiegħed jagħmel fil-preżent iżda għandu jmur ibattalhom bl-iscammel kif suppost.

5.4.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana għandu jibgħat ittra lis-Sur Antoine Fenech – il-kuntrattur li kien issupplixxa dawn l-iskips sabiex jiġborhom. Huwa qal li hemm minnhom li huma mkissrin u qed jispiċċaw abbużati. Huwa qal ukoll li minn kemm ilhom li bdew jaħdmu fil-Mellieħa ż-żewġ sub contractors ġodda, is-servizz jidher li qed jitjieb, ċertament li tjiebet ukoll il-komunikazzjoni mal-kuntrattur u hemm ir-rieda li l-affarijiet jitranġaw għall-aħjar. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-iskart mit-toroq prinċipali qed jinġabar fil-ħinijiet li suppost jinġabar u m'għadux jinġabar tard. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li sfortunatament għad hemm residenti li joħorġu l-iskart tagħhom mhux skont l-iskeda stabbilita.

5.4.6. Is-Sindku G. Micallef qal li mid-data miġbura mill-uffiċċju tal-Kunsill ibbażata fuq l-ilmenti li l-Kunsill jirċievi, jidher li l-ilmenti żdiedu. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur fil-lokalità tal-Mellieħa qed jopera biss b'żewġ trakkijiet minflok f'ħamsa kif stabbilit fil-kuntratt. Madanakollu, l-kuntrattur qed jitħallas biex jopera b'ħames trakkijiet. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm ilhom joperaw iż-żewġ sub contractors ġodda, hemm fejn is-servizz mar aħjar iżda għad hemm fejn hemm il-problemi. Fil-fatt huwa qal li qed tibqa' tippersisti l-problema fejn ir-runners igeddsu l-iskart anke quddiem garaxxijiet u saħansitra quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li l-proposta sabiex ikun hemm collection points stabbiliti, m'għandhiex tiġi aċċettata u l-ġbir għandu jsir skont il-kuntratt jiġifieri bieb bieb.

5.4.7. Min-naħa tar-Reġjun Tramuntana, is-Sur B. Bonello qal li twaħħlu numru ta' cameras f'partijiet fiż-żoni msemmija sabiex ir-Reġjun ikun jista' jsegwi jekk l-iscammels humiex imorru fiż-żoni kollha. Huwa qal li dawn ġew iffinanzjati mir-Reġjun, kif ser jiġu ffinanzjati wkoll it-trackers u l-GPS li suppost kellhom isiru mill-kuntrattur stess. Huwa temm jgħid li r-Reġjun ser jibqa' jinsisti li l-kuntrattur ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-kuntratt tiegħu.

5.4.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet fit-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar bdew fil-11 ta' Mejju 2026, madanakollu l-kuntrattur kellu jieqaf peress li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma aċċettaw li jbiddlu l-main tad-drenaġġ li għaddej minn dan it-taraġ. Dan kien jirrikjedi li l-Korporazzjoni tapplika għall-permessi neċessarji u jinħareġ direct order lill-kuntrattur sabiex ikun jista' jinkludi dan ix-xogħol fil-proġett. L-istess ġara mal-Korporazzjoni Enemalta li kkomunikaw li xtaqu li tiżdied manhole fil-parti quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali, u dan kollu rriżultat biex il-proġett waqa' lura sakemm seta' jitkompla mill-ġdid ftit ġranet ilu.

5.5.3. Is-Sindku għarraf ukoll li din l-aħħar ġimgħa, il-kuntrattur talab li s-surveyors jerġgħu jimmarkaw il-livelli tat-taraġ li kompla jtawwal il-proċess. Madanakollu, huwa qal li l-Kunsill permezz ta' imejl li ntbagħtet lill-kuntrattur eżiġa li x-xogħlijiet jitkomplew mill-aktar fis. Il-kuntrattur wieġeb billi ta r-raġunijiet tiegħu iżda x-xogħlijiet tkomplew din il-ġimgħa.

5.5.4. Huwa temm jgħid li l-parti tat-taraġ bejn Misraħ il-Parroċċa u l-Uffiċċju Parrokkjali ser jitkomplew u ser jitlestew minn kollox biex imbagħad wara s-sajf tibda t-tieni fażi fil-parti minn fejn ix-xelters sa Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (M/8 Vol VIII)

5.6.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva talba sabiex jitwaħħlu żewġ AED's oħra kif ġej:

(i) f'Għajn Tuffieħa fil-viċinanzi ta' Għajn Tuffieħa Scouts Camp Site; u

(ii) f'Paradise Bay.

5.6.3 Huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1 Sports Festival fil-Manikata (S/4/2 Vol V)

5.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-iSports Festival li ser isir nhar it-Tnejn, 29 ta' Ġunju 2026 fil-Manikata ser isir primarjament fis-sala parrokkjali u fi Triq Dun Manwel Grima. Għal dan il-għan, bi qbil mal-Kappillan Fr Matthew Pulis, is-servizz extra duty li kien ser jingħata mill-Pulizija mhux ser jintalab peress li Misraħ il-Parroċċa ser tibqa' miftuħa għat-traffiku.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.8.1. Jum il-Missier 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li kemm ir-residenti tad-Dar Residenzjali tal-Mellieħa kif ukoll il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa ħadu gost ħafna bit-tifkira żgħira li l-Kunsill ippreżenta fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.

5.8.3. Hija qalet li hija flimkien mal-Kunsillier J. Cauchi marru jqassmu din it-tifkira u l-anzjani rringrazzjaw ħafna lill-Kunsill.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. PC Application 00055/25 – Passaġġ bejn Triq l-Għerien u Triq is-Sagħtar (T/4/7 Vol V)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif kien miftiehem, proprju llum il-Kunsill ressaq l-oġġezzjoni tiegħu għall-applikazzjoni PC 00055/25, liema oġġezzjoni saret għar-raġunijiet li ġejjin:

(i) Dan il-passaġġ pubbliku li jgħaqqad Triq l-Għerien ma' Triq is-Sagħtar fil-Mellieħa, minn dejjem kien indikat fl-iskemi eżistenti uffiċjali bħala taraġ għall-użu tal-pubbliku;

(ii) Fil-fatt, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ilu jagħmel pressjoni fuq Infrastructure Malta biex tibni dan it-taraġ peress li dan il-passaġġ ilu snin jintuża bħala rotta ta' konnessjoni important għall-mixi bejn iż-żewġ toroq imsemmija;

(iii) Il-Kunsill jemmen li l-bini tat-taraġ ser itejjeb is-sigurtà, l-aċċessibilità u l-organizazzjoni urbana ta' din iż-żona, filwaqt li jħares id-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess pubbliku u jnaqqas ir-riskju ta' abbuż jew aċċess mhux xieraq minn vetturi;

(iv) Il-Kunsill jsostni li f'dan il-passaġġ m'hemm l-ebda raġuni li jiżdied l-aċċess għall-vetturi peress li l-aċċess għall-vetturi diġa' huwa pprovdut.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-proposta tal-Kunsill sabiex jitwaħħlu bollards fit-Telgħa ta' Selmun biex ikun hemm aktar sigurtà għal min jimxi għal bus stop 'Ruman', ma ġietx milqugħa minn Transport Malta. Madanakollu, il-Malta Public Transport qed tikkunsidra favoralment il-proposta tal-Kunsill li jsir

bus stop temporanju mar-roundabout fid-daħla tal-Mellieħa. Ovvjament kemm-il darba din il-proposta tiġi aċċettata, tiġi implimentata f'Novembru li ġej meta jerġgħu jibdew ix-xogħlijiet fit-toroq prinċipali.

5.10.3. Il-Kunsillier E. Bartolo, għal dan il-għan issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob li dawn iż-żewġ bus stops jitneħħew, anke peress li hekk kif jitlestew ix-xogħlijiet ta' Triq il-Marfa, dawn mhux ser jintużaw aktar. Huwa żied jgħid li jekk minn Novembru ta' din is-sena, tiġi ntrodotta bus stop temporanju mar-roundabout, aktar u aktar dawn iż-żewġ bus stops ma jkunx hemm għalfejn jibqgħu hemm.

.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Dwar il-proġett 'Different Stories, One Community - Voice of Mellieħa through Youth-Led Intercultural Connections', il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-ewwel attività ser issir nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju 2026 fis-sala Joseph Borg mill-11.30am 'il quddiem.

5.11.3. Is-Sur J. Cauchi qal li din l-attività ser tkun tikkonsisti fi preżentazzjoni ta' ikel differenti minn kulturi differenti u għal din l-attività ser ikunu mistiedna anke anzjani residenti mid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa.

5.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. It-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau (K/1/5/Vol V)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef qal li s-Sindku t'Adenau għarrfu li minħabba ċelebrazzjonijiet oħra li ħa jkollhom għaddejjin f'Adenau fi tmiem il-ġimgħa bejn l-24 u s-26 ta' Lulju 2026, sfortunatament mhux ser ikun possibbli għalihom li jattendu għaċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill 2026 u anke l-Iljieli Melleħin.

5.12.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill għad irid jiddeċiedi minn min ser tkun komposta d-delegazzjoni tiegħu li ser titla' Adenau f'Ottubru li ġej biex il-Kunsill ikun jista' jikkonferma d-dettalji mal-Kunsill t'Adenau.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Ingaġġ ta' Clerical Officer fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-ewwel sejħa pubblika għall-Clerical Officer fi Skala 15 għalqet nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2026. Il-Kunsill irċieva tnax-il applikazzjoni u għarraf li l-Bord tal-Intervisti ser ikun qed jiltaqa' dalwaqt sabiex isiru l-intervisti lil dawn il-kandidati.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.14.1. Reviżjoni tal-Management Agreements tat-Torri l-Abjad u tax-Xelters ta' Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/1 Vol II) (A/6/7/2 Vol II)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-Management Agreements imsemmija u qal li kopja tagħhom kif riveduta ntbagħtet lill-membri kollha tal-Kunsill. Huwa talab lill-membri jaraw dawn iż-żewġ dokumenti biex jekk hemm il-ħtieġa li jsiru xi emendi jgħadduhom qabel ma dawn jiġu mġedda.

5.14.3. Dwar il-ftehim ma' Selmun Sports Club, huwa qal li dan il-ftehim ukoll wasal biex jiġi rivedut u mġedded iżda r-reviżjoni tiegħu trid tkun marbuta mal-kuntratt tal-kustodju tal-Park tal-Familja, li wkoll trid issir

reviżjoni tiegħu qabel ma tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa fuq is-sit ma' Delta Projects ser issir nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026 fl-10.30am. Għal din il-laqgħa ser ikunu preżenti wkoll il-Project Manager ta' Delta Projects Ltd flimkien mal-Perit tal-Kunsill M. Casha.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li :

(i) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 04/2026 – Manikata Parish Church Architectural Lighting, liema sejħa għalqet fil-5 ta' Ġunju 2026, saru erba' sottomissjonijiet. Il-Kunsill talab lill-Inġinier responsabbli sabiex jipprepara rapport tekniku biex ikun jista' jiltaqa' l-Kumitat t'Evalwazzjoni;

(ii) Fil-5 ta' Ġunju 2026 ġiet ippubblika s-Sejħa għall-Offerti għall-Ġbir ta' Skart Goff, liema sejħa tagħlaq fis-6 ta' Lulju;

(iii) Dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 06/2026, dwar ix-Xiri ta' Electric Van li għalqet fil-21 ta' Mejju 2026, huwa qal li sfortunatament għat-tieni darba ma sarux sottomissjonijiet allavolja l-Kunsill għolla l-budget. Għal dan il-għan, huwa qal li l-Kunsill għandu jitlob parir mill-Procurement Section fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali anke sabiex jirregola ruħu peress li fil-preżent il-vann li jużaw il-ħaddiema qed jinkera;

(iv) Proprju għada l-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju ser tiġi ppubblikata s-Sejħa għall-Offerti 'Design, Layout and Printing of the Council Newsletter and Book Binding';

(v) Qed jiġu konklużi d-drafting tas-Sejħiet għall-Offerti dwar il-'Christmas Lights Decorations' li fiha ser jiżdiedu dawk it-toroq partikularment dawk tal-Manikata li ma kinux inklużi, it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq Gorg Borg Olivier, it-Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace u l-'Construction of Bus Shelters Bases'.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.17.1. Laqgħa dwar l-Arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp u l-Festa tal-Vitorja (F/2 Vol VIII)

5.17.2. Dwar il-laqgħa marbuta mal-arranġamenti tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja, is-Sindku għarraf li l-Kunsill ser ikun qed jipproponi li din issir fit-8 ta' Lulju 2026. Fil-fatt ser tkun qed tintbagħat imejl lil dawk kollha konċernati.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.18.1. Bus Interchange proposta fi Triq Selmun (T/5/1 Vol II)

5.18.2. Dwar il-Bus Interchange proposta fi Triq Selmun, is-Sindku G. Micallef għarraf li seduta oħra tat-Tribunal ser issir nhar il-Ħamis, 2 ta' Lulju 2026

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.19.1. Tindif ta' Alka mill-Bajjiet (X/1/3 Vol VIII) (C/4 Vol V)

5.19.2. Il-Kunslliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li s-slielem tal-baħar bdew jeħlu fil-bajjiet kif ukoll beda t-tindif tal-bajjiet mill-alka. Madanakollu, issuġġerit li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tas-sezzjoni konċernata sabiex isir tindik tal-alka fil-bajja tal-Imġiebaħ u tal-Mistra.

5.19.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ħa din l-okkażjoni sabiex jissuġġerixxi li l-Kunsill iwaħħal directional sign biex tindika fejn qegħda l-bajja tal-Imġiebaħ peress li ħafna turisti jsuqu lejn Għajn Ħadid.

5.19.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab ukoll li jsir rapport dwar sidien ta' caravans li saħansitra għamlu pjattaformi tal-konkos biex ipoġġu l-caravans fuqhom fil-Bajja ta' Little Armier.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.20.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-Mellieħa (W/2/Vol IV)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li minħabba problema kbira ta' ħruġ ta' drenaġġ fi Triq il-Barkazza, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma talba li jibdew ix-xogħlijiet b'mod urġenti u din il-parti tat-triq tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħinijiet li jkunu qed isiru x-xogħlijiet:



5.20.3. Huwa qal li x-xogħlijiet mistennija jdumu ġimgħatejn u x-xogħlijiet ser ikun jikkonsistu fil-bdil tal-main tad-drenaġġ. Ix-xogħlijiet ser isiru bejn mit-Tnejn sas-Sibt bejn is-7.30am u l-4.00pm. Matul il-ħin tax-xogħlijiet ir-residenti mhux ser ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu minn din il-parti tat-triq. Huwa żied jgħid li bħala Kunsill tlabna li possibbilment il-vetturi jkollhom aċċess li jgħaddu minn fuq art li mhux tintuża jew minn rotta temporanja li tgħaqqad Triq il-Barkazza ma' Triq il-Wied ta' Ruman.

5.20.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li problema oħra ser tkun fejn ser jipparkjaw ir-residenti li joqogħdu fil-parti tat-triq affettwata sakemm idumu għaddejjin ix-xogħlijiet.

5.20.5. Il-Kunsilliera E. Bartolo u C. Castillo ssuġġerew li tinstab rotta alternattiva anke jekk dan jirrikjedi li ssir rikostruzzjoni tat-triq li diġa' hija skedata.

5.20.6. Is-Sindku xtaq jieħu din l-opportunità wkoll sabiex jgħarraf li bejn it-22 u l-25 ta' Ġunju 2026 bejn l-10.00am u l-5.00pm, Triq il-Miżieb kienet magħluqa għat-traffiku peress li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kellhom jagħmlu trial pits works marbuta mal-proġett tal-Għansar. Is-Sindku qal li wara dawn ix-xogħlijiet, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tkun qed tara kif ser timplimenta l-aħħar fażi tax-xogħlijiet marbuta ma' dan il-proġett biex finalment ikun komplut.

5.20.7. Sar aċċenn ukoll għax-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li bdew ġurnata qabel dak

previst fi Triq l-Għoljiet ma' Triq l-Etna. Is-Sindku qal li apparti l-konġestjoni tat-traffiku li kellu jidħol u joħroġ mill-Għoljiet tal-Mellieħa mill-istess triq li normalment isservi tad-dħul għal Mellieħa Heights, il-Gwardjani Lokali li nzertaw kienu fuq il-post bdew iħarrku lill-vetturi li bdew joħorġu wrong way. Is-Sindku qal li peress li l-vetturi ma kellhomx alternattiva oħra minn fejn joħorġu, il-Kunsill kiteb lil-LESA sabiex iċ-ċitazzjonijiet maħruġa dakinhar u f'dawk il-ħinijiet jiġu revokati għax ħarġu inġustament.

5.20.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.21.1. Il-Gżejjer ta' San Pawl (A/4/5 Vol V)

5.21.2. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li l-Kunsill jagħmel rapport mal-ERA biex il-Gżejjer ta' San Pawl possibbilment jerġgħu jinxtegħlu.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.22.1. Il-Proġett ta' Triq Għajn Ħadid (T/4/4 Vol II)

5.22.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li rċieva talba sabiex matul Triq Għajn Ħadid jitwaħħlu xi dog bins.

5.22.3. Huwa qal ukoll li fi Triq Għajn Ħadid reġgħet intefgħet il-ħamrija fuq il-grasscrete u ser jerġa' jiġri bħas-sena l-oħra li l-Kunsill jibda jirċievi l-ilmenti peress li din tkun tiżloq.

5.22.4. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li bħalissa l-Kunsill ma jista' jagħmel l-ebda intervent fuq din it-triq peress li għadu m'għadhiex iż-żmien li jippermetti dan.

5.22.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ppropona li ssir laqgħa mal-Onor. J. Attard – il-Ministru responsabbli mill-Ippjanar, l-Infrastruttura u x-Xogħol sabiex possibbilment ikun jista' jsir il-metru konkos fil-ġnub tat-triq li jippermetti li l-persuni jgħaddu minn fuqu mingħajr periklu li jweġġħu.

5.22.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.23.1. Rijallokazzjoni tal-iBins ta' Triq Ta' Fuq il-Migduma (K/6/10 Vol IV)

5.23.2. Dwar ir-rijallokazzjoni tal-iBins ta' Triq Ta' Fuq il-Migduma, is-Sindku għarraf li nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju 2026 huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin kellhom laqgħa ma' Greenpak li matulha żaru ż-żewġ siti alternattivi dawk ta' Triq Selmun u Tat-Tomna.

5.23.3. Is-Sindku qal li dwar is-sit propost fi Triq Selmun viċin il-Palazz ta' Selmun, kien hemm qbil li s-sit huwa 'l bogħod wisq miċ-ċentru tar-raħal u faċilment jista' jispiċċa abbużat peress li huwa mwarrab. Madanakollu, f'Selmun minflok ġie identifikat sit faċċata tal-entratura tal-iskola primarja li kemm-il darba jitranġa l-pedament, jitwaħlu lampi ġodda biex idawwlu l-akkwata u jitwaħlu anke cctv cameras, ikunu jistgħu jitpoġġew sett sħiħ ta' iBins.

5.23.4. Dwar is-sit f'Tat-Tomna, is-Sindku qal li s-Sinjuri Annrica Zammit u Neil Seycell minn Greenpak qalu li s-sit huwa mbiegħed ħafna u diżabitat, ma jintlaħaqx bil-mixi u m'hemmx dawk adegwat.

5.23.5. Is-Sindku kompla jgħid li sfortunatament Greenpak tista' tieħu żewġ iBins biss lura peress li m'għandhomx il-faċilitajiet fejn iżommuhom.

5.23.6. Għal dan il-għan, intlaħaq qbil li biex għalissa imqarr jonqos in-numru ta' iBins fi Triq Tal-Migduma, isir dan li ġej:
   (i) Sett jitpoġġa fil-bidu ta' Triq Selmun; u
   (ii) Jitpoġġa iBin jew tnejn fil-Bring In Site tal-Manikata, ta' Triq l-Arżnell u fl-Armier.

5.23.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandu jibqa' jinsisti li l-iBins li ser jibqgħu fi Triq Ta' Fuq

il-Migduma jiġu riallokati f'Tat-Tomna.

**5.24.1. Talbiet lil Transport Malta (T/3/2 Vol XIX)**

5.24.2. Is-Sindku għarraf li Transport Malta irċeviet petizzjoni mingħand numru ta' residenti li talbu li Triq l-Etna ssir one-way jiġifieri jsir dħul ta' vetturi biss minnha u l-ħruġ isir minn Triq in-Naħal.

5.24.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għalkemm jifhem li hemm problema partikularment ta' double parking fil-bidu ta' din it-triq, il-Kunsill għandu joġġezzjona għal din it-talba peress li kemm-il darba Triq l-Etna ssir one way kif propost, id-dħul għaż-żona ta' l-Għoljiet tal-Mellieħa ser jibqa' jsir minn tliet toroq filwaqt li l-ħruġ ser jispiċċa jsir kollu minn triq waħda jiġifieri Triq in-Naħal. Huwa żied jgħid li ma jistax li jkollok triq waħda biss bħala ħruġ minn Mellieħa Heights.

5.24.4. Is-Sindku G. Micallef ħa din l-opportunità biex jgħarraf li mill-10 ta' Ġunju 2026, Transport Malta reġgħet daħlet fis-seħħ it-tidal lane.

5.24.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-proposta li għamel il-Kunsill sabiex isiru bollards fil-parti ta' Triq il-Mellieħa minħabba l-periklu eżistenti, iżda qal li dawn ma ġewx aċċettati peress li l-wisa' tat-triq ma tippermettix.

5.24.6. Dwar l-inċident li seħħ fi Triq il-Mellieħa fil-liwja 'l kerha fejn l-akkwadott, is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru bollards fin-nofs tat-triq biex il-vetturi jkunu kostretti jsuqu fuq il-kareġġjata t-tajba. Madanakollu, il-Kunsillier K. Buttigieg qal li jekk isiru l-bollards, it-trakkijiet il-kbar u l-coaches ma jkunux jistgħu idawru.

5.24.7. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li matul Triq il-Mellieħa importanti li jerġa' jsir il-'Continous White Line'.

5.24.8. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva talba mir-residenti ta' Triq il-Plejju għal 'Sleeping Policeman'. Huwa qal li r-residenti ntalbu jiġbru l-firem neċessarji sabiex tkun tista' ssir it-talba lil Transport Malta.

5.24.9 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.25.1. Jum il-Kunsill 2026 (A/5/3/1)**

5.25.2. Dwar il-Bord tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti tal-Onorefiċenzi, is-Sindku G. Micallef għarraf li n-Nutar Maronia Fenech u n-Nutar Jonathan Vella aċċettaw ukoll in-nomina tal-Kunsill biex ikunu parti minn dan il-Bord. Għal dan il-għan ser isir tentattiv biex il-Bord jiltaqa' fit-13 ta' Lulju 2026.

5.25.3. Dwar iċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill, huwa qal li t-tentattiv sabiex it-tliet għaqdiet mużikali jingħaqdu flimkien u jtellgħu programm mużikali flimkien, sfortunatament minħabba li m'hemmx żmien biżżejjed biex jippreparaw il-partijiet mużikali kemm għall-instrumenti tal-banda kif ukoll għall-instrumenti tal-orkestra, kif ukoll minħabba mpennji li diġa' għandhom din is-sena ma tistax issir. Għaldaqstant, sar kuntratt mal-pjanist lokali s-Sur John Cutajar u għaddejjin l-arranġamenti miegħu.

5.25.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar u s-Sur E. Bartolo talbu li jkunu skużati kemm f'Jum il-Kunsill kif ukoll waqt l-Iljieli Melleħin ta' din is-sena peress li ser ikunu msefrin.

5.25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.26.1. Ir-Rotot 44 u 238 tat-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol )**

5.26.2. Dwar ir-Rotta 238, is-Sindku għarraf li l-Malta Public Transport ma laqgħetx it-talba tal-Kunsill biex din ir-Rotta tibda t-traġitt tagħha mill-Manikata.

5.26.3. Madanakollu, il-Malta Public Transport qed jikkunsidraw rotta alternattiva li titlaq minn Għajn Tuffieħa tgħaddi mill-Mosta u tieqaf fejn l-isptar Mater Dei.

5.26.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.27.1. Talbiet lil Infrastructure Malta (T/4/4 Vol II)

5.27.2. Dwar l-inizjattiva 'Vjal Kulħadd', is-Sindku għarraf li huwa bagħat tfakkira lil Infrastructure Malta biex possibilment il-Kunsill jingħata feedback fuq x'hiex wasal dan il-proġett u anke jekk il-proposta li saret minn Dun Ġwann Galea għall-Kappella ta' Selmun ġietx aċċettata jew mod ieħor.

5.27.3. Dwar Taraġ il-Landiera, is-Sindku għarraf li anke f'dan il-każ huwa bagħat tfakkira lil Infrastruture Malta anke biex il-Kunsill ikun infurmat jekk dan ix-xogħol hux ser isir u jkun marbut mal-proġett tal-ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Għasel/Etna.

5.27.4. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-ħajt imwaqqa' fi Triq il-Qasab u qal li Infrastructure Malta assenjat dan ix-xogħol lill-kuntrattur. Ix-xogħlijiet li jinkludu wkoll rikostruzzjoni tat-triq mistennija jibdew dalwaqt.

5.27.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Eżerċizzju ta' Pest Control fil-Mellieħa (C/6 Vol XI)

5.28.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill għadda lista ta' toroq fejn huwa meħtieġ li jsir pest/rodent Control lis-sezzjoni konċernata.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.29.1. Xogħlijiet ta' Manutenzjoni minn Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) (T/12 Vol IV)

5.29.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill għamel talba lil TZRA sabiex possibbilment issir manutenzjoni tal-belveder fi Triq Ġnien Ingraw u manutenzjoni tal-bankijiet fi Ġnien iż-Żerniq.

5.29.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li jiġu nklużi wkoll il-manutenzjoni tal-persjani u tat-toilets fil-Park tal-Familja f'Selmun.

5.29.4. Is-Sindku qal ukoll li talab lis-sezzjoni konċernata sabiex jiġu ssettjati ż-żoni li fihom jista' jsir l-għawm.

5.29.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.30.1. Żvilupp Illegali fl-Armier (P/5/14 Vol X111)

5.30.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Malta Rangers Unit ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal żvilupp illegali li kien qed isir fl-Armier.

5.30.3. Huwa qal li l-Kunsill issostanzja r-rapport li sar mill-Malta Rangers Unit mal-Awtorità tal-Ippjanar.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Laqgħa mal-LESA (W/3 Vol XII)

5.31.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-LESA.

5.31.3. Huwa qal li f'din il-laqgħa, il-Kunsill ikollu l-opportunità li jressaq is-suġġerimenti tiegħu partikularment fuq punti fejn il-LESA tista' tkun aktar t'għajnuna għall-Kunsill għal-lokalità in ġenerali.

5.31.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.32.1. Il-Festa Tradizzjoni tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann u l-Iljieli Mellieħin 2026 (A/5/5) (A/5/3/5)

5.32.2. Dwar il-Festa Tradizzjoni tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann, is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill u lill-istaff għall-kontribut u s-sehem tagħhom waqt din l-attività tradizzjoni li fil-fehma tiegħu ntlaqgħet tajjeb ħafna. Huwa qal li l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ma setgħetx tattendi peress li kienet ma tiflaħx.

5.32.3. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lill-għaqdiet kollha li kienu parteċipi fil-programm fosthom l-Għaqda Mużikali Imperial, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, is-Società Filarmonica La Vittoria, il-Grupp tal-Armar, l-Għaqda tan-Nar, il-Mellieħa Scout Group li flimkien ma' In Guardia, il-membri taċ-Ċentru Anżjanità Attiva tal-Mellieħa, Artemocion Dance Studio, Anakron u l-Grupp Fuklar tellgħu u żewqu programm ta' mużika, żfin, kant u tradizzjoni mill-isbaħ. Huwa wera l-apprezzement tiegħu wkoll lill-artisti kollha u lill-persuni li armaw stalls għax dawn għenu biex min attenda kellu l-opportunità japprezza 'l ħafna talenti li l-lokalità hija mżewqa bihom.

5.32.4. Dwar l-Iljieli Mellieħin edizzjoni 2026, is-Sindku qal li l-Kunsill għaddej bil-preparamenti neċessarji u jista' jikkonferma dan li ġej:

(i) Il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026: l-Għaqda San Ġużepp, Manikata ser torganizza Majjalata;

(ii) Is-Sibt, 25 ta' Lulju 2026: Il-Kunsill ser joħroġ sejħa għad-dilettanti tal-vetturi u trakkijiet biex issir il-Car Show fi Triq Gorg Borg Olivier, kif ukoll ser issir sejħa għall-artisti biex jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom fil-Bitħa tas-Santwarju. Fejn is-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ser ikun hemm stage u s'issa ġiet ikkonfermata l-parteċipazzjoni ta' Fuklar Folk Group. Fuq l-istage ta' fejn il-lukanda Maritim Antonine Hotel & Spa, s'issa kkonfermati l-kunċerti live minn Freddie Portelli u Maria Cini. Fuq l-istage prinċipali kkonfermata l-parteċipazzjoni ta' band lokali b'artisti u kantanti varji;

(iii) Il-Ħadd, 26 ta' Lulju 2026: ikkonfermata l-parteċipazzjoni ta' Kayati Duo, Kantera u Artiklu 13. Għall-Ħadd filgħodu, ser issir stedina lill-għaqdiet sportivi lokali sabiex jipparteċipaw f'attività sportiva fil-pjazza. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li jsir tournament ta' snooker, draughts u chess fis-sede tal-każini.

5.32.5. Is-Sindku żied jgħid li hemm il-possibiltà li bix-xemgħat li kien fadal tal-Mixgħela, isir disinn taħt il-loġoġ fil-Bitħa tas-Santwarju.

5.32.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.33.1. Każ Nru: CEP-26-7618 quddiem l-Ombudsman

5.33.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl fl-10 ta' Ġunju 2026 mill-Uffiċċju tal-Ombudsman fejn ġie mgħarraf li l-Ombudsman fetaħ każ ta' investigazzjoni wara li rċieva ilment mingħand is-Sur Sean Vella Caruana, dwar allegatament inġustizzja u teħid ta' deċiżjonijiet mhux xieraq dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Dun Franġisk Sciberras. Il-Kunsill għandu jagħti tweġiba sal-10 ta' Awwissu 2026.

5.33.3. Fil-fatt, l-Ombudsman intalab jinvestiga jekk l-awtoritajiet:

- Naqsu milli jipprovdu pożizzjoni ċara u motivata dwar il-proposti konkreti li tressqu;
- Naqsu milli jqisu l-kundizzjonijiet eżistenti tal-aċċessibbiltà u tas-saħħa pubblika fit-triq;
- Ibbażaw rwieħhom fuq referenzi ġeneriċi ta' bilanċ u tar-realtà prattika, minflok ma pprovdew ġustifikazzjoni teknika xierqa;

- Naqsu milli jagħtu l-piż dovut lill-impatt reali tal-arranġamenti attwali fuq ir-residenti, il-pedestrians u l-persuni b'diżabilità;
- Naqsu, minkejja ħafna snin ta' rappreżentazzjonijiet diversi, milli jipprovdi pjan effettiv li jwassal għal soluzzjoni ta’ din il-problema; u
- Fil-fatt ħallew l-kwistjoni bla riżoluzzjoni.

5.33.4. Is-Sindku kien tal-fehma li l-Kunsill għandu jiskatta proċess u ssuġġerixxa li:
(i) il-proposti li qed isiru jintbagħtu lil Transport Malta sabiex il-Kunsill jara l-opinjoni tal-awtorità f’dan ir-rigward; u
(ii) issir konsultazzjoni mar-residenti billi tintbagħat ittra dwar il-proposta li t-triq ssir one way.

5.33.5. Huwa rrefera għall-ittra ta’ Transport Malta tas-17 ta’ Frar tas-sena 2022, fejn Transport Malta kienet tat l-approvazzjoni tagħha għal One Way Traffic Flow fi Triq Dun Frangisk Sciberras, Triq Sant’Elena (illum Triq Mons. Mose’ Debono) u Triq Adeanu bħala prova għal tliet xhur. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li r-residenti ta’ Triq Mons. Mose’ Debono dak iż-żmien kienu għamlu petizzjoni għax ma qablux ma’ din il-proposta.

5.33.6. Il-Kunsillier E. Bartolo għamel proposta kif ġej:
(i) Titwaħħal tabella ‘No Entry For Heavy Vehicles’ fil-bidu ta’ Triq Mons. Mose’ Debono;
(ii) Titwaħħal tabella oħra ‘No Entry for Heavy Vehicles’ fil-bidu tal-parti d-dejqa fi Triq Dun Frangisk Sciberras; u
(iii) Titwaħħal tabella ‘Pedestrian Priority’ fil-bidu tal-parti d-dejqa fi Triq Dun Frangisk Sciberras;

5.33.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li Triq Dun Frangisk Sciberras hija ‘escape route’ tajba f’każ ta’ incident fi Triq Gorg Borg Olivier għax sfortunatament m’hemmx triq oħra alternattiva minn fejn jgħaddi t-traffiku f’każ ta’ incident. Dwar il-proposta tal-Kunsillier E. Bartolo qal li peress li qabel il-parti d-dejqa ta’ Triq Dun Frangisk Sciberras m’hemmx fejn trakk idawwar, it-trakkijiet għandhom jitħallew jinżlu u joħorġu minn Triq Adenau. Huwa qal ukoll li jissuġġerixxi li tiżdied tabella oħra ‘No Entry for Heavy Vehicles’ fil-bidu ta’ Triq Frangisk Zahra.

5.33.8. Is-Sindku G. Micallef qal li tista’ tidħol fis-seħħ restrizzjoni bil-ħinijiet għad-deliveries.

5.33.9. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irrimarkat li jekk tidħol fis-seħħ il-proposta tar-resident, ser ikollok Triq il-Kappillan Magri u Triq il-Parroċċa li t-traffiku jista’ jinżel biss minnhom, kif ukoll Triq Dun Frangisk Sciberras. Hija ssuġġerit li tal-inqas minn Triq Dun Frangisk Sciberras, it-traffiku jkun jista’ jitla’ biss.

5.33.10. Is-Sindku aċċenna wkoll għax-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li huma ppjanati fi Triq Gorg Borg Olivier bejn Novembru ta’ din is-sena u Ġunju tas-sena ta’ wara, apparti n-numru kbir ta’ permessi ta’ makkinarju li l-Kunsill qed joħroġ ta’ kuljum.

5.33.11. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa ma’ Transport Malta li matulha jiġu diskussi dawn ix-xenarji kollha.

5.33.12. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.34.1. Installazzjoni ta’ Apparat tat-Telekomunikazzjoni fil-Pjazza tal-Armier

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 18 ta’ Ġunju 2026 minn Melita plc dwar proposta biex jitwaħħal apparat tat-telekomunikazzjoni fil-Pjazza tal-Armier.

5.34.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jissuġġerixxi li possibilment jinstabu postijiet alternattivi u jara minn hemm.

5.34.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.35.1. Ċelebrazzjoni tal-120 Sena Anniversarju mit-Twaqqif tas-Società Filarmonica La Vittoria

5.35.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva ittra datata 31 ta' Mejju 2026 mingħand is-Società Filarmonica La Vittoria, li permezz tagħha kienu qed jgħarrfu lill-Kunsill dwar il-ħsieb tagħhom li b'rabta mal-anniversarju imsemmi, bejn it-28 u t-30 ta' Mejju 2027 jorganizza kunċert mużikali f'Misraħ il-Parroċċa. Fil-fatt is-soċjetà talbet li l-Kunsill jieħu nota ta' dawn id-dati peress li ser ikun hemm bżonn li Misraħ il-Parroċċa tkun magħluqa għat-traffiku.

5.35.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.36.1. Ċelebrazzjoni tal-35 Sena Anniversarju mit-Twaqqif mill-Ġdid tal-Mellieħa Scout Group

5.36.2. Is-Sindku għarraf ukoll li l-Kunsill irċieva imejl data 22 ta' Ġunju 2026 mill-Mellieħa Scout Group fejn ġie mgħarraf li din is-sena taħbat il-35 sena minn meta twaqqaf mill-ġdid il-Mellieħa Scout Group. Huwa qal li ċ-ċelebrazzjonijiet biex jitfakkar dan l-anniversarju importanti ser jibdew f'Settembru, madanakollu l-qofol ser isiru fit-22 ta' Diċembru 2026, proprju fid-data tal-anniversarju. Huwa qal ukoll li l-Mellieħa Scout Group talbu biex il-Kunsill jikkollabora f'dan l-avveniment importanti li ssuġġerew li jiġi nkorporat mal-attivitajiet ta' Milied Mellieħi 2026.

5.36.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkollabora permezz tal-Fond tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana kif għamel mat-tliet għaqdiet mużikali,

5.36.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.37.1. Applikazzjoni ta' Żvilupp PA/03868/26 fil-Manikata

5.37.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill irċieva petizzjoni mingħand numru ta' residenti li joqogħdu l-Manikata dwar l-iżvilupp imsemmi. Huma talbu li l-Kunsill jagħmel representation min-naħa tiegħu wkoll fid-dawl li din il-binja fejn ser isir l-iżvilupp hija binja li nbniet qabel l-1968.

5.27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jitlob il-parir tal-Perit Carmel Cacopardo anke sabiex il-Kunsill ikun reġistrat mal-'Interested Parties'.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi r-Regolament dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) – Regolament 7 - jipprovdi għall-ħatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv li trid issir b`riżoluzzjoni tal-Kunsill, skond kif stipulat fl-Artikolu 51 ta` l-Att XV ta` l-1993;

Saret referenza għaċ-Ċirkulari 16/2016, maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-24 ta' Awwissu 2016, ġie spjegat li l-Artiklu 50 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) jipprovdi li kunsill lokali għandu *jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tkun vakanti, jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi;*

U bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 49 u 53, Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandha tiġi maħtura s-Sinjura Yvonne Muscat minħabba ta` l-esperjenza fil-proċeduri mħaddma li hija akkwistat fis-17 'il sena li ilha mpjegata mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa."

Il-mozzjoni għaddiet b`mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsilliera C. Castillo. (P/7/1/Vol XVI)

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 20 ta' Ġunju 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-18 ta' Mejju 2026 u l-20 ta' Ġunju 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri l-perjodu bejn il-15 ta' April 2026 u l-25 ta' Mejju 2026.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2026 fil-5.30pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**